KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**ID-DISA' (9) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Ħamsa u Għoxrin (25)***

***L-Erbgħa, 11 ta' Frar, 2026***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 25 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR
ADMINISTRATION OFFICER II – DONNA MALLIA

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**25.1 Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji**

25.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta’ apoloġiji.

**25.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 24 li nżammet nhar il-Ħamis 8 ta’ Jannar 2026.

25.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 24 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

25.2.3 **Mozzjoni Numru 24-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 24

Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsillier Naomi Mizzi

Il-Minuti Numru 24 ġew approvati unanimament.

**25.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta’ Pagamenti : Numru 25(09) – Frar 2026***

25.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 25(09) permezz ta’ *bank transfers* b’referenza numru 12328 sa 12385 kif ukoll cheque bin-numri 7282 li jammontaw €63,800.66

25.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

25.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fl-iSkeda hemm imniżżel il-Performance Bonus tal-impjegati kollha iżda tas-Segretarju Eżekuttiv mhux imniżżel f’din l-iskeda minħabba li għad irid jiġi approvat parti minnu mid-Dipartiment.

25.3.4 Tressqet ukoll invoice ta’ Cheeramigos marbuta mal-attivita’ tal-Karnival tat-Tfal li tammonta għall-€375.00 li ser titħallas wara li ssir l-attivita’.

25.3.5 **Mozzjoni 24-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 25(09) biż-żieda tal-pagament imsemmi f’materja numru 25.3.4

Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

L-iskeda ta’ pagamenti numru 25(09) ġiet approvata unanimament.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jattendi għal Laqgħa b’mod virtwali sabiex jagħti spjegazzjoni tal-Estimi Finanzjarji mhux awditjati tas-sena 2025.*

**25.4 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2025**

25.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni ċara tar-Rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2025 flimkien mal-Unaudited Financial Statements u l-figuri imniżżla fir-Rapporti.

25.4.2 Wara li ingħatat din l-informazzjoni tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2025

**Mozzjoni 25-03:** Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Christine Dalli

Ir-Rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2025 ġie approvat unanimament.

25.4.3 Tressqet ukoll mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2025 **Mozzjoni 25-04:** Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Naomi Mizzi

L-Unaudited Financial Statements 2025 ġew approvati unanimament.

**25.5 Approvazzjoni tal-Budget 2026**

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Budget għas-sena 2026 wara li ġie diskuss mas-Sindku Karl Boxall u l-Accountant tal-Kunsill.

25.5.2 L-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni tal-proġettazzjoni tal-infieq tal-Kunsill għal din is-sena.

25.5.3 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Budget 2026.

**Mozzjoni 25-05**: Proponent: Il-Kunsillier Christine Dalli
Sekondant: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb

Il-Budget tal-Kunsill għas-sena 2026 ġie approvat unanimament.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa, l-Accountant tal-Kunsill ħareġ mill-Laqgħa*

**25.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

25.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq l-Agenda tal-Kunsill din il-materja sabiex il-Kunsill jiddeċiedi meta se ssir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fejn fiha jiġu ppreżentati L-Estimi Finanzjarji flimkien mar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2025.

25.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed tibgħat ir-Rapport Amministrattiv permezz ta' email għall-kunsiderazzjoni tal-membri kollha. Ir-Rapport jista' jiġi approvat fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

25.6.3 Il-Kunsill qabel li d-data tal-Laqgħa tal-Lokalita' tista ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar, 2026, fil-5:30 p.m.

**25.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

25.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jippjana sabiex jorganizza Ħarġa għall-Anzjani għaż-żminijiet ta' Jum Ħal Għaxaq fejn jibdew b'Quddiesa fil-Knisja ta' San Duminku u wara issir żjara ġol-Palazz tal-Inkwiżitur. Wara l-grupp jittieħed għall-ikla ġo restaurant ix-xatt tal-Birgu u ssir it-tombla. Informa wkoll li jista' jkun hemm ħlas ta' € 50 għal kull grupp minħabba l-gwida tal-palazz. Il-Kunsill qabel.

25.7.2 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li ssir roundabout fi Triq Santa Marija fil-parti il-wiesa' bħala direzzjoni. Il-Kunsillier Naomi Mizzi qalet li hemm problema biex isir id-dħul fil-Pjazza minn Triq il-Milwa u anke minn Triq il-Gistakor għax qed isiru aktar traffikużi, fejn qed tipproponi li Triq il-Milwa ssir *One-Way*. Is-Sindku Karl Boxall issuġġerixxa li l-ewwel jitlestew ix-xogħolijiet li hemm fit-toroq tal-madwar u wara jsiru pjan sew ta' x'jista' jitwettaq. Il-Kunsill qabel.

25.7.3 Is-Sindku Karl Boxall nforma li s-Sibt ta' qabel Jum Ħal Għaxaq ser jaħbat mal-Festival tan-Nar, il-Ħadd ser ikun hawn ta' Bonġu Malta fejn ser isir bosta attivitajiet oħra dakinhar. Is-Sindku Karl Boxall qal li bħala fondi ma hemmx sabiex isir kunċert, fejn nforma wkoll li biex jittellgħu attivitaijiet irid jkun hemm l-għajnuna ta' kulħadd mhux dakinhar biss iżda aktar importanti li jkun hemm għajnuna kollettiva fil-ġranet ta' qabel sabiex attivita' tkun ta' suċċess.

25.7.4 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li kemm l-*Isports Day* kif ukoll Aqra Miegħi jistgħu jsir flimkien fl-istess ġurnata fi Ġnien il-Familja fi Triq il-Bwar is-Sibt filgħodu. Il-Viċi Sindku qal li din tista' ssir bħala Fun Day. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Ġimgħa filgħaxija ssir lejla ta' divertiment fil-Pjazza. Is-Sibt filgħaxija ssir iċ-ċerimonja u wara r-riċeviment fejn l-aħjar li jitqabbad organiser minħabba l-protokoll u *seating plan*. Sar qbil unanimu li din il-materja għandha tiġi diskussa fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

25.7.5 Is-Sindku Karl Boxall informa li llum ġew installati is-CCTV fil-latrini pubbliċi ta' Santu Rokku fil-parti ta' barra hekk kif kien maqbul mill-Kunsill f'laqgħat preċedenti.

25.7.6 Is-Sindku Karl Boxall informa li kellu laqgħa mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar iċ-Ċentru Ċiviku li l-Kunsill preċedenti kien diġà applika, fejn għarraf li għad hemm iċ-ċans

li din il-binja ssir, din qeda fejn il-ħwienet tal-*Housing Estate* u bħala binja titkompla fi Triq il-Miksur. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-fondi li hemm tal-Planning jista' jmorru sabiex isir din il-binja minflok ma jsir Santu Rokku. Il-Kunsillier Naomi Mizzi qalet li taqbel għax Binja ġdida u attrezzata tista' tkun ta' benefiċċju għar-residenti.

25.7.7 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li jkun utli li fil-binja jkun hemm ukoll il-Berġa, kif ukoll sub post-office fejn jitħallsu kontijiet bħal dawl u ilma u servizzi oħra sabiex din isservi ta' *One-Stop-Shop* għall-komunita'.

25.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet jekk ikunx possibbli li ssir parti mill-proġett ta' Santu Rokku bħal bdil fil-pavimentar u jinbidlu xi bankijiet u bħala kostruzzjoni ta' garaxx ma ssirx fuq Santu r-Rokku u minflok issir fil-binja l-ġdida tal-Kunsill ġewwa l-*Housing Estate*. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tintalab BOQ ġdida lill-perit dwar il-proġett ta' Santu Rokku fuq pavimentar ġdid u street furniture fejn l-ispiża taf tonqos bin-nofs. Is-Sindku Karl Boxall informa li ser isir kuntatt mill-perit tal-Lands dwar il-pjanti tal-binja l-ġdida sabiex tiġi emendata u anke bħala costings ikun hemm stampa aktar ċara. Il-Kunsill qabel.

**25.8 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

25.8.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb informa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku li qed ikun hemm fiż-żona ta' Bir id-Deheb u propona li l-Kunsill jiddiskuti dwar possibilitajiet biex titnaqqas din il-konfużjoni li qed ikun hemm kuljum. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb ippropona li jew issir CCTV jew soluzzjoni aħjar minn hekk isir ftehim mal-LESA sabiex jintbagħtu żewġ Uffiċċjali fuq il-post is-Sibtijiet filgħodu. Is-Sindku Karl Boxall informa li din il-metarja ser tiġi diskussa it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, kemm mal-LESA kif ukoll mal-Pulizija.

25.8.2 Il-Kunsillier Stephen Attard informa lill-Kunsill li intbagħtet korrispondenza uffiċjali mill-Kunsill dwar il-ħsieb li jsir Ġemellaġġ mal-belt ta' Agros ġewwa Ċipru. Il-Kunsillier Attard informa li ser ikellmuna wara li din il-materja ser tiġi diskussa min-naħa tagħhom u wara jinfurmana bl-interess tagħhom.

25.8.3 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb informa li ser jattendi għas-smigħ fir-rigward tal-Belveder ta' Triq il-Ħatem li ser ikun it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, fl-10:30a.m. , fejn ser tagħmel l-intervent l-avukata li kienet tkellmet fuq dan il-każ.

25.8.4 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li kellu lmenti fuq Triq il-Bizzilla għax weġġaw xi nies minħabba li bankina qeda wisq angolata u perikoluża. Is-Sindku Karl Boxall informa li ser jgħaddi dan l-ilment lill-kuntrattur. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li qed isiru bankini ġodda fejn qed ikunu angolati wisq l-isfel u mhux dritti kif suppost, fejn għanda tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur fir-rigward. Is-Sindku Karl Boxall qal li ser jinforma lill-kuntrattur ta' Triq Santa Tereża sabiex ma jsirx hekk.

25.8.5 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li l-Istage Ħareb li hemm f'Dawret Ħal Għaxaq mhux qiegħed hemm u qed jintuża bħala parkeġġ minflok. Is-Sindku Karl Boxall informa li

jaf b'din is-sitwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm stage quddiem l-Iskola li kien tneħħa u dan kellu jiġi relokat hemmhekk, dan ġie miżmum mill-kumpanija Faces minħabba xi xogħolijiet ta' tarmak fil-Bypass, kien hemm il-każ tal-Qorti li TM kellhom mal-Faces u dan suppost kellu jinżamm f'xi stores tal-Faces sabiex wara jiġi nstallat, infurmat ukoll li kull informazzjoni li kellu l-Kunsill ġie mibgħut kollox lil Faces sabiex jivverifikaw min-naħa tagħhom.

25.8.6 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li mhux aċċettabbli li nies jistennew fix-xita u minflok qed ikun hemm karrozza pparkjata b'konsegwenza li nies mhux qed ikollhom fejn jistennew. Is-Sindku Karl Boxall nforma li jekk ma jirnexxix li dan jiġi nstallat issir applikazzjoni għal ieħor ġdid.

**25.9 <u>Korrispondenza</u>**

25.9.1 Tressqet korrispondenza mingħand l-AKL rigward il-polza tal-assigurazzjoni tal-Flus fejn il-ħlas ta' kull sena jkun ta' €65. Il-Kunsill approva.

25.9.2 Tressqet korrispondenza mingħand AKL rigward il-polza tal-Personal Accident li tammonta għall-€30 kull persuna. Il-Kunsill approva l-ħlas għall-kull membru tal-Kunsill.

25.9.3 Tressqet korrispondenza mid-Dipartiment rigward id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa is-Sinjura Donna Mallia qed tokkupa din il-kariga. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jista' jeżerċita' l-funzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv meta l-kariga tkun vakanti jew meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' jaġixxi. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Donna Mallia tibqa' tokkupa il-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

25.9.4 Tressqet korrispondenza rigward il-ħlas tal-kera ta' sit f'Dawret Ħal Għaxaq li għal kien ġie devolut lill-Kunsill fl-2012 sabiex titpoġġa ATM. Dan il-kuntratt wasal biex jerġa jiġġedded u għaldaqstant qed jitressaq fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-Sindku qal li bħala lokazzjoni mhix ċentrali u għaldaqstant ma jħossx li l-ATM għandha ssir f'dik iż-żona. Apparti dan, huwa nforma li minn informazzjoni li ġabar, m'hemmx interess mill-banek li jkomplu jiżdiedu ATMs ġodda. Għaldaqstant il-Kunsill ma qabilx li għandu jġedded. Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim għandu jitwaqqaf għax qiegħed mingħajr użu.

25.9.5 Tressqet kwotazzjoni għall-żbir ta' siġar fi Triq iċ-Ċimiterju li għandhom bżonn żabra għax ilha ma ssir snin. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1652 li tinkludi żbir, permessi u ġarr ta' materjal. Il-Kunsill approva.

25.9.6 Tressaq kont mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward xogħlijiet relatati ma Ġnien 2000 fejn il-Kunsill qed jintalab iħallas l-ammont ta' €1593. Il-Kunsill iħoss li d-dettalji fuq l-invoice mhumiex realistiċi minkejja li diġa' inġibdet l-attenzjoni darb'oħra rigward l-istess sitwazzjoni. Is-Segretraju Eżekuttiv infurmat li t-tender hu għal erba' snin u wasal fl-aħħar sena tiegħu. Il-Kunsilliera Christine Dalli ssuġġeriet li tinbagħat e-mail lill-Perit sabiex jagħti spjega fuq is-siegħat għax huma wisq eċċessivi u ma jirriflettux ix-xogħol li sar. Il-Kunsill qabel li din tinbagħat u wara jitħallas.

25.9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellna korrispondenza dwar cat neutering minn persuna sabiex il-Kunsill Lokali jgħin finanzjarjament fejn qabel kien hemm skema sabiex tgħin f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġerixxiet li nkellmu lill-Ministeru minħabba tali għajnuna. Il-Kunsillier Steven Axisa ssuġġerixxa li f'Jum il-Lokal peress li jsir it-Tberik tal-Annimali jingħataw vouchers lil annimali mid-donazzjonijiet li jinġabru. Is-Sindku Karl Boxall qal li ser tittieħed nota biex nistaqsu lil min hu kkonċernat. Il-Kunsill qabel.

**25.10 <u>Żamma tas-soft areas madwar il-lokalita'</u>**

25.10.1 Din il-materja tpoġġiet fuq l-Agenda tal-Kunsill fuq talba tal-Vici Sindku Brian Xuereb.

25.10.2 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma persuna fejn jaħdem ma' diversi Kunsilli Lokali fejn qed jipproponi li jiżra' u jieħu ħsieb iż-żoni madwar il-lokalita' kollha billi jiżra' u jaħrat il-ħamrija 3-4 darbiet f'sena. Il-Kunsill jissuplixxi bi pjanti u siġar u jieħu ħsieb li jagħmel l-arranġamenti neċċessarji biex issir it-tisqija. L-ispiża għal dan tammonta għal €1,750 fis-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jekk is-soluzzjoni hi li bħala xogħolijiet isiru minn persuna jew kumpanija waħda u mhux kif qeda is-sitwazzjoni fil-preżent tkun trid tinħareġ tender peress li l-ammont jitla' b'mod konsiderevoli. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb informa li jekk ix-xogħol meħtieġ jinqasam l-ispiża tkun ferm inqas. Il-Kunsill qabel li jipprova sena.

**25.11 <u>L-immaniġjar tal-ground 5-a-side u l-ftuh u l-għeluq tal-letrini pubbliċi</u>**

25.11.1 Din il-materja tpoġġiet fuq l-Agenda tal-Kunsill fuq talba tal-Vici Sindku Brian Xuereb.

25.11.2 Is-Sindku nforma li peress li bħalissa l-latrini pubbliċi qed jingħalqu kmieni u anke l-ground fejn dan qed jingħalaq minn ħaddiem fit-8;00 p.m., il-Cleansing Department infurmaw li meta tkun ser tiġi stazzjonata persuna ser tkun *day in day out*, pero' sakemm tinstab din il-persuna ser jibqgħu jingħalqu kmieni. Il-Kunsill qabel li nistennew il-ftehim mal-Cleansing.

**25.12 <u>L-implimentazzjoni tal-immaniġjar tat-traffiku ta' Triq il-Gudja u ż-żona tal-iskola</u>**

25.12.1 Din il-materja tpoġġiet fuq l-Agenda sabiex il-Kunsill jiddeċiedi meta se tkun implimentata is-sistema approvata minn TM tal-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Gudja u ż-żona tal-iskola. Il-Kunsill qabel li din tiġi mplimentata fil-bidu ta' Lulju, 2026.

**25.13 <u>Mozzjonijiet</u>**

25.13.1 Annessi mal-Minuti

**25.14 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

25.14.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2026, fil-5:30 p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tas-Sinjura Donna Mallia.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm.

| | |
|---|---|
| _________________________ | _________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref:** 25-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 24

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Naomi Mizzi** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 11 ta' Frar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref:** 25-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 25

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 11 ta' Frar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref:** 25-03

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat ir-Rapport tal-aħħar kwart tas-Sena 2025

_______________________
**Brian Xuereb**
**Proponent**

_______________________
**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 11 ta' Frar 2026

_______________________
Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref:** 25-04

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat l-Unaudited Financial Statements 2025

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb** | **Naomi Mizzi** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 11 ta’ Frar 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref:** 25-05

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat il-Budget għas-sena 2026

______________________
**Christine Dalli**
**Proponent**

______________________
**Brian Xuereb**
**Sekondant**

---

**Data:** 11 ta’ Frar 2026

______________________
Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**